# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Marzu 2000**

**Numru 50**

**Citaz. numru 3446/96DS**

Adelina Agius
vs
John V. Agius, Vince Agius, Anthony Agius u Dr. Anthony Cutajar u P.L. Davinia Sullivan li b'digriet tat-22 ta' Jannar 1997 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil John Aquilina, Patrick Aquilina, Eddie Aquilina, John Mifsud, James Micallef, Patricia Micallef u Anthony Micallef li jinsabu assenti minn dawn il-Gzejjer peress li msifrin l-Amerika ta' Fuq u lil Patricia Chetcuti u Paul Chetcuti li wkoll jinsabu assenti minn dawn il-Gzejjer peress li jinsabu msifrin il-Kanada

Illum, 13 ta' Marzu 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fid-9 ta' Dicembru 1996 li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet illi Marianna Galea mietet fit-22 ta' Ottubru 1995 (ara Dokument AG1);

Illi b'testment fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri datat 31 ta' Jannar 1974 (ara dokument AG2) halliet bhala eredi universali lill-konvenuti;

Illi l-attrici ppresentat diversi servigi u prestazzjonijiet lill-mejta Marianna Galea matul hajjitha, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

Illi jehtieg li jigi likwidat il-kumpens dovut skond il-ligi ghas-servigi u prestazzjonijiet fuq imsemmija;

talbet lil din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija li:

1. tiddikjara li l-attrici hija ntitolata ghall-kumpens, hlas ta' servigi u prestazzjonijiet rezi lill-istess Marianna Galea f'hajjitha;

2. tillikwida l-ammont ta' kumpens dovut lill-attrici okkorrendo b'opera ta' periti nominandi;

3. tordna u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici s-somma hekk likwidata bl-imghaxijiet skond il-ligi;

Bl-ispejjez u bil-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Davinia Sullivan nomine fejn qalu:

1. Illi f'dan l-istadju huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kawza u jirriservaw li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkommunikaw mar-rappresentati taghhom.

Rat li l-konvenuti John V. Agius, Vince Agius u Anthony Agius debitament notifikati baqghu komtumaci;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbali tas-26 ta' Jannar 2000 u tas-16 ta' Frar 2000 quddiem l-assistenta gudizzjarja Dr. Monica Borg Galea kif ukoll il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Frar 2000 quddiem il-Qorti u in virtu` ta' liema verbali jirrizulta li l-kawza giet tranzatta u gie mitlub tinghata s-sentenza opportuna;

Ghal dawn il-motivi tiddisponi minn din il-kawza billi tilqa t-talbiet attrici u tiddikjaraha trasatta a tenur ta' l-imsemmijin verbali, u ghalhekk

1. tikkundabba lil kull wiehed mill-konvenuti John V. Agius, Vince Agius, Anthony Agius, John Aquilina, Patrick Aquilina, Eddie Aquilina, John Mifsud, James Micallef, Patricia Micallef, Patricia

Chetcuti, Paul Chetcuti u Anthony Micallef ghandhom ihallsu lill-attrici l-ammont likwidat ta' Lm333 kull wiehed minnhom,

2. il-hlas isir malli ssir il-likwidazzjoni tal-assi tal-mejta Marianna Galea u mill-ishma talvolta dovuti lill-konvenuti jitnaqqas l-ammont suddett,
3. l-ispejjez tal-kawza jibqghu a karigu ta' l-attrici.

ONOR. IMHALLEF
DOTTOR DAVID SCICLUNA

D/REGISTRATUR